F'Toloża, f'Karkassona,
minn Lepanto sa Vjenna,
u f'Lourdes, Salette u Fatima,
id-dinja saret ġenna.
Ġenna li tfaħħar 'l Ommna
u lir-Rużarju tagħha,
li bih kull min hu umli
kull grazzja fis jaqlagħha.
Oh, tkun imfaħħra dejjem
dit-talba wisq qawwija.
Kun int il-mistrieħ tagħna,
Rużarju ta' Marija!

*Għana u daqq jintfew fix-xejn bil-qajl sa l-aħħar.*

---

# SOIREE LITTERAIRE

Fil-20 ta' Ġunju 1970, l-Akkademja tagħna ngħaqdet mal-Kumitat Ċiviku tal-Belt biex tagħti l-awspiċju tagħha għal-"Soirèe Littèraire", f'ġieh l-ewwel President tal-Akkademja, il-Kavalier Ġużè Muscat Azzopardi, li kien għadda biċċa twila minn ħajtu jgħix fil-Belt Valletta, fejn miet. Is-Soirèe kellha bħala Patrun l-E.T. Monsinjur Arċisqof Metropolita.

L-organizzatur kien il-Membru Akkademiku, is-sur Anton Agius Muscat, li ħadem bla heda u rnexxielu jlaqqa' għadd ta' nies magħrufin u kbarat biex qraw tagħrif fuq Muscat Azzopardi jew siltiet mill-kitba tiegħu.

Fl-udjenza kien hemm l-aqwa nies u mill-ogħla rjus tal-pajjiż: l-E.T. Monsinjur Arċisqof Metropolita, il-Prim Imħallef u President tal-Qrati, Professuri, Membri tal-Parlament, Imħallfin, u wkoll għadd ġmielu ta' skritturi u ta' letterati. Innotajna wkoll li għal dil-okkażjoni marru studenti u nies mill-kotra li l-mawra tagħhom hemm hija xhieda tal-fatt li Ġużè Muscat Azzopardi llum ħa sura nazzjonali.



# REĊENSJONIJIET

**"Burdati"** ta' Kilin, paġna 72, National Press, Pietà, 1970.

Is-Sur Mikiel C. Spiteri nafuh bħala "Kilin" awtur ta' kotba sbieħ fuq knejjes u kappelli qodma ta' Malta u l-istorja leġġendarja tagħhom. Dawk il-kotba nqraw b' dewha u kellhom suċċess; hekk ukoll naħsbu li tkun ix-xorti ta' dan l-aħħar ktieb ta' "Kilin".

F'dan il-ktieb l-awtur jaqbad xejra ġdida: hawn hu jidher bħala wieħed li jaf jirrakkonta ġrajja interessanti u jaf ukoll jikteb versi ta' ħeġġa. Bħala prożatur, is-sur Spiteri għandu ħila jpinġi dehra ta' ġmiel u jinseġ ġrajja li tqanqal; jiġifieri l-proża tiegħu tħeġġeġ il-moħħ u tmiss il-qalb. L-istil hu veritier: episodju mill-ħajja tal-lum, karattri minn nies li niltaqgħu magħhom kuljum. Ġrajja u nies li jintisġu f'xejriet ta' niket u ta' ferħ, f'għaqdiet ta' ġid u faqar, fi tqanqiliet ta' mħabba u mibegħda. Fuq kollox l-awtur jaf iżewwaq il-ġrajja tiegħu b'xi waqtiet ferrieħa u b'xi ħtieġa li ddaħħak bħalma huma l-praspar **"Il-Presepju"** u **"Ħabibrakk"**.

Il-poeżija ta' Spiteri ma hix minn dik il-għamla ta' daż-żmien li tqajjem fil-moħħ fawra ta' ħsibijiet konfliġġenti, iżda hi poeżija ħarkiena mqanqla minn emozzjoni u sentiment li jnisslu ferħ u hena:

**Ħajjiet żgħażagħ, żgħażagħ,**
**għalxejn,**
**għalxejn maħruqa fuq artal ta' mħuħ mdallma**
**mill-Fanatiżmu."**

Strofa bħal din ma tistax ma tmissx il-qalb u tqanqal ir-ruħ, kif ukoll dawn il-versi li ġejjin ma jistgħux ma jqanqlux ħniena u mogħdrija:

**"Hekk Lincoln miet**
**hekk Gandhi w Kennedy,**
**hekk ukoll Int, u oħrajn**
**maħsuda lkoll mill-id tal-assassin**
**qaddej tar-regħba, l-għira w il-kburija.**

Fuq kollox l-awtur juri l-ġibda tiegħu lejn l-ilsien ta' art twelidu u ma jistmellx jinqeda bil-kelma djalettali tal-bdiewa u tan-nies ta' l-irħula. Hu jgħid: "Id-djalett huwa għalija mużka safja u ruħ il-poplu" u biex jagħti xhieda tal-għożża tiegħu għall-Malti, kiteb dawn il-versi:—

**"Int Alla**
**u ma sthajtx mid-djalett tal-Galilija**
**għax dak l-ilsien kien t'art twelidek."**

**G.**